# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)

**Seduta ta' nhar l-1 ta' Gunju 2022**

**Rikors Numru : 227/2022 JPG**

**Kawza Numru : 29**

**MS**

**U**

**AB**

## Il-Qorti:

Rat ir-rikors kongunt ta' MS u AB, datat 2 ta' Mejju 2022, a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

1. *Illi l-partijiet izzewgu fid-disgha u ghoxrin (29) ta' Gunju tas-sena elfejn u sittax (2016), liema kopja tal-estratt mill-Att taz-Zwieg jinsab hawn anness u mmarkat bhala Dok. MA1.*

2. *Illi minn dan iz-zwieg il-partijiet kellhom tifla, bl-isem ta' NB illi ghandha X- il sena u ghaldaqstant ghadha minorenni (certifikat tat-twelid hawn anness u mmarkat Dok MA2);*

3. *Illi l-partijiet huma legalment separati permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni data s-sitta u ghoxrin (26) ta' Settembru tas-sena elfejn u dsatax (2019) liema kuntratti jinsabu fl-atti tan-Nutar Joseph Smith La Rosa, liema kopja ta' l-istess kuntratt qed tigi hawn anness u mmarkata Dok MA3;*

4. *Illi kif jirrizulta mill-istess kuntratt ta' separazzjoni, il-kura u kustodja tal-minuri hija wahda kongunta bejn il-partijiet u l-attur AB ghandu l-obbligu li jghaddi s-somma ta' mitejn Ewro fix-xahar bhala manteniment ghall-istess minuri, liema manteniment qieghed jinghadda;*

5. *Illi m'hemm ebda prospett ragonevoli ghall-partijiet ghar-rikonciljazzjoni bejniethom stante li ilhom 'l fuq minn sentejn legalment separati, u jghixu hajja totalment separata minn xulxin qabel ukoll;*

6. *Illi l-partijiet hejjew l-annessi affidavits (mmarkati bhala Dok. MA4 u Dok MA5) li permezz taghhom huma qed jikkonfermaw l-kontenut tar-rikors odjern;*

7. *Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju skont l-artikolu 66B tal-Kodici Civili, (Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta).*

*Ghaldaqstant l-esponent umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex a tenur tad-dispozizzjonijiet tal-artikolu 66B tal-Kodici Civli;*

1. *Tippronunzja l-hall taz-zwieg ta' bejn il-partijiet; u*
2. *Tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex, fi zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat in-nota kongunta tal-partijiet datata 19 ta' Mejju 2022, a fol 21,  li permezz taghha ddikjaraw li ma ghandhomx provi ulterjuri jew trattazzjoni x'jipproducu u stiednu l-Qorti tghaddi ghas-sentenza

Ezaminat ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat:**

**MS xehdet** (vide affidavit a fol 8) illi l-kontendenti zzewgu nhar id- 29 ta' Gunju 2016 u minn din ir-relazzjoni twieldet tifla, illum ghadha minorenni. Sostniet illi filfatt dan iz-zwieg ma rnexxiex u l-kontendenti sseparaw legalment permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dr Joseph Smith La Rosa nhar is-26 ta' Settembru 2019. Iddikjarat illi ilhom separati de facto ghal dawn l-ahhar erba snin u cioe sa mis-sena 2018 u li mis-separazzjoni sal-lum qatt ma kien hemm rikonciljazzjoni u ma hemmx tama ghal rikonciljazzjoni illum il-gurnata. Di piu xehdet illi ma hemmx pendenzi ta' manteniment.

**AB xehed** (vide affidavit fol 19) u kkonferma u kkollabora dak li xehdet martu.

**Ikkonsidrat:**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

> ***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza.***
>
> ***(… omissis)***
>
> ***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***
>
> ***(a) fil-każ li t-talba tkun qed issir miż-żewġ konjuġi flimkien, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sitt xhur mis-sena preċedenti:***

***Iżda fejn it-talba tkun qed issir minn konjuġi minnhom kontra l-ieħor, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sena mis-sentejn preċedenti; jew***

***(b) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu separati b'kuntratt jew b'sentenza tal-qorti; u***

***(ċ) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***

***(d) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ- ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***

***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment:***

***Iżda wkoll għall-fini ta' dan il-paragrafu, l-manteniment ordnat mill-qorti b'sentenza ta' separazzjoni jew miftiehem bejn il-miżżewġin f'kuntratt ta' separazzjoni għandu jiġi meqjus bħala manteniment adegwat:***

***Iżda wkoll id-divorzju ppronunzjat bejn persuni miżżewġin li kienu separati b'kuntratt jew b'sentenza ma jġib ebda bidla f'dak ordnat jew miftiehem bejniethom, ħlief għall-effetti tad-divorzju li joħorġu mil-liġi.***

**Ikkonsidrat:**

Il-kontendenti kkonfermaw bil-gurament li huma kienu zzewgu nhar id-29 ta' Gunju 2006, liema zwieg igib c-certifikat numru 1160/2006 (Vide, certifikat taz-zwieg fol 4). Minn dan iz-zwieg twieldet tifla, li ghadha minorenni.

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni datat is-26 ta' Settembru 2019 fl-atti tan-Nutar Dr Joseph Smith La Rosa (Vide fol 6 et seqq). Ghalhekk

jirrizulta illi l-kontendenti ilhom separati ghal terminu ta' zmien li jeccedi dak rikjest mill-ligi.

Jirriżulta ukoll illi ma hemmx pendenzi ta' manteniment.

Il-Qorti tqis inoltre li ma hemm ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Ghalhekk jirrizulta illi r-rikorrenti irnexxielhom jissodisfaw r-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet, liema zwieg jgib certifikat numru 1160/2006 u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien moghti mil-Ligi, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.**

**Il-Qorti tordna li l-ispejjez jigu divizi bejn il-partijiet.**

**Moqrija.**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**